MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2959/2002

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Paul Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sebgha u disghin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm97.93), rapprezentanti kwantu ghal hamsa u hamsin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm55.53) bilanc ta' prezz fuq Gala airconditioner, kwantu ghal tnejn u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (m32.40) bilanc ta' prezz fuq Gala Chest Freezer u kwantu ghal ghaxar liri bhala spejjez ta' ittra legali;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Grace Darmanin, accounts clerk tas-socjeta` attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebgha u disghin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm97.93), bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Dicembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------